

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Lulju 2020 – George Haswani vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-241/19 P) ⁽¹⁾

(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Miżuri indirizzati kontra negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja – Lista tal-persuni li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrent – Rikors għal annullament u għad-danni)

(2020/C 287/13)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: George Haswani (rappreżentant: G. Karouni, avocat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Kyriakopoulou u M. V. Piessevaux, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Bouquet, L. Baumgart u A. Tizzano, sussegwentement A. Bouquet u L. Baumgart, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) George Haswani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 187, 3.6.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Lulju 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda

(Kawża C-257/19) ⁽¹⁾

(“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Prinċipji li jirregolaw l-investigazzjoni ta’ inċidenti fis-settur tat-trasport marittimu – Direttiva 2009/18/KE – Artikolu 8(1) – Partijiet li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f’kunflitt mal-kompitu fdat lill-korp investigattiv – Membri tal-korp investigattiv li jeżerċitaw, parallelament, funzjonijiet oħra – Nuqqas ta’ twaqqif ta’ korp investigattiv indipendenti”)

(2020/C 287/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. L. Kalèda u N. Yerrell, aġenti)

Konvenuta: L-Irlanda (rappreżentanti: M. Browne, G. Hodge u A. Joyce, aġenti, assistiti minn N. J. Travers, SC, u minn B. Doherty, BL)

Dispożittiv

- 1) Billi ma waqqfex korp investigattiv indipendenti, fuq il-livell organizzattiv tiegħu u tal-proċess deċiżjonali tiegħu, minn kull parti li l-interessi tagħha jistgħu jkunu f’kunflitt mal-kompitu fdat lill-korp investigattiv, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 2) L-Irlanda hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 206, 17.06.2019.